Registry of the Superior Courts, today 23rd October, 2026

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals.

2808

B'digriet mogħti mill-Qorti Ċivili, Prim'Awla (Sede Kostituzzjonali), 29 ta' Settembru, 2026, fl-atti ta' Rikors Ġuramentat numru 241/26LM, fl-ismijiet: Isabelle Joselle Micallef Camilleri et vs l-Avukat tal-Istat et, ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni, a tenur tal-Artikolu 187 et sequitur tal-Kapitlu 12, biex isservi bħala notifika fil-konfront tal-intimat.

Permezz ta' rikors fl-ismijiet: Isabelle Joselle Micallef Camilleri (368990M) et vs l-Avukat tal-Istat et ippreżentat fil-Qorti Ċivili, Prim'Awla (Sede Kostituzzjonali), fis-27 ta' Lulju, 2026, ir-rikorrent talab lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:

1. Tiddikjara u tiddeċiedi illi fil-konfront tar-rikorrenti l-fatti su esposti, l-operazzjonijiet tal-artikoli 12 u 12A

By means of a decree given by the Civil Court, First Hall (Constitutional jurisdiction), 29th September, 2026, in the records of Sworn application number 241/26LM, in the names: Isabelle Joselle Micallef Camilleri et vs State Advocate et, the following publication was ordered, in terms of Article 187 et sequitur of Cap. 12, for the purpose of service of the respondent.

By means of an application in the names: Isabelle Joselle Micallef Camilleri (368990M) et vs the State Advocate et filed in the Civil Court, First Hall (Constitutional jurisdiction), on the 27th July, 2026, the applicant asked this Honourable Court so that:

1. Declare and decide that in regard to the applicant the facts above mentioned, the operations of Articles 12 and 12A

tal-Kap. 158 tal-Liġijiet ta' Malta u l-Att X tal-2009, bl-operazzjonijiet tal-liġijiet viġenti, kif ukoll l-Att XXVII tal-2018 qegħdin jagħtu dritt ta' rilokazzjoni lill-intimati Borg għall-fond 27, Casa Roma Flats, Fl. 3, Triq Gianni Bencini, Tas-Sliema, u dan bi vjolazzjoni tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti kif sanċiti inter alia fl-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta, u l-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea (l-Ewwel Skeda tal-Kap. 319 tal-Liġijiet ta' Malta) u tal-Artikolu 14 tal-istess Konvenzjoni;

2. Konsegwentement tiddikjara u tiddeċiedi illi l-lokazzjoni vigenti tal-fond 27, Casa Roma Flats, Fl. 3, Triq Gianni Bencini, Tas-Sliema, a favur l-intimati konjuġi Borg u l-provvedimenti tal-Kap. 158 tal-Liġijiet ta' Malta u tal-Att X tal-2009, u liġijiet oħra viġenti jilledu d-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti kif sanċiti fl-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea u b'hekk huma nulli u/jew inapplikabbli in konfront tar-rikorrenti għar-rigward tal-proprjetà de quo;

3. Konsegwentement tagħti dawk l-ordnijiet, toħroġ dawk l-atti, u tagħti dawk id-direttivi li tqis xierqa sabiex twettaq jew tiżgura t-twettiq tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti hekk kif garantiti skont il-Konvenzjoni għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali;

4. Tiddikjara u tiddeċiedi illi l-intimat Avukat tal-Istat huwa responsabbli għal kumpens u danni siegħa pekunjarji u nonpekunjarji sofferti mir-Rikorrenti b'konsegwenza tal-operazzjonijiet tal-Kap. 158 u l-Att X tal-2009, tal-Liġijiet ta' Malta, u l-Att XXVII tal-2018 talli ma nżammx bilanċ bejn id-drittijiet tas-sid u dawk tal-inkwilin peress illi l-kera pagabbli a tenur tal-liġijiet viġenti ma tirriflettix is-suq u lanqas il-valur lokatizzju tal-proprjetà inkwistjoni wkoll ai termini tal-liġi;

5. Tillikwida l-istess kumpens u danni pekunjarji u nonpekunjarji kif sofferti mir-rikorrenti, oltre l-imgħax legali wkoll ai termini tal-liġi;

6. Tikkundanna lill-intimat Avukat tal-Istat iħallas lir-rikorrenti l-istess kumpens u danni likwidati pekunjarji u nonpekunjarji oltre l-imgħax legali ai termini tal-liġi, bl-imgħax legali bid-data sal-effettiv pagament.

Bl-ispejjeż kollha kontra l-intimat li minn issa huwa inġunt għas-subizzjoni.

Ir-Rikors Ġuramentat numru 241/26LM fl-ismijiet imsemmija hawn fuq huwa differit għall-4 ta' Novembru, 2026, fis-12.40 p.m.

Notifika Intimat: Mario Borg (KI 360261M), 27, Casa Roma Flats, Fl 3, Triq Gianni Bencini, Tas-Sliema

of Cap. 158 of the Laws of Malta and Act X of 2009, with the operations of the Laws of force, as well as Act XXVII of 2018 are granting the right of relocation to the respondents Borg for the premises 27, Casa Roma Flats, Fl. 3, Triq Gianni Bencini, Tas-Sliema, and this in violation of the fundamental rights of the applicants as sanctioned inter alia in Article 37 of the Constitution of Malta, and the First Article of the First Protocol to the European Convention (First Schedule of the Cap. 319 of the Laws of Malta) and Article 14 of the same Convention;

2. Consequently declare and decide that the effective lease of the premises 27, Casa Roma Flats, Fl. 3, Triq Gianni Bencini, Tas-Sliema in favour of the respondents spouses Borg and the provisions of Cap. 158 of the Laws of Malta and Act X of 2009, and other vigorous laws violate the fundamental rights of the applicants as sanctioned in Article 1 of the First Protocol of the European Convention and thus are null and/or inapplicable against the applicants as regards the property de quo;

3. Consequently give those orders, issue those acts, and give such directives as it deems appropriate in order to carry out or ensure the fulfilment of the applicant's fundamental rights as guaranteed under the Convention for the Protection of Human Rights and Fundamental Freedoms;

4. Declare and decide that the respondent State Advocate is responsible for compensation and damages one hour pecuniary and non-pecuniary suffered by the applicant as a consequence of the operations of the Cap.. 158 and Act X of 2009, of the Laws of Malta, and Act XXVII of 2018 for not keeping a balance between the rights of the owner and those of the lessee because the rent payable in terms of the effective laws does not reflect the market nor the rental value of the property in question also in terms of law;

5. Liquidate the same compensation and pecuniary and non-pecuniary damages as suffered by the applicants, besides legal interest also in terms of law;

6. Condemn the respondent State Advocate to pay the applicant the same compensation and liquidated pecuniary and non-pecuniary damages besides legal interest in terms of law, with legal interest with the date till the effective payment.

With all costs against the respondent who is from now summoned so that a reference to his evidence be made.

The Sworn application number 241/26LM in the names mentioned above is postponed for hearing to the 4th November, 2026, at 12.40 p.m.

Notification respondent: Mario Borg (KI 360261M), 27, Casa Roma Flats, Fl 3, Triq Gianni Bencini, Tas-Sliema

Isabelle Borg (KI 534661M), 27, Casa Roma Flats, Fl. 3, Triq Gianni Bencini, Tas-Sliema

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 23 ta' Ottubru, 2026

GABRIEL MANGION
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

Isabelle Borg (KI 534661M), 27, Casa Roma Flats, Fl. 3, Triq Gianni Bencini, Tas-Sliema

Registry of the Superior Courts, today 23rd October, 2026

GABRIEL MANGION
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

2809

B'digriet mogħti mill-Qorti Ċivili, Prim'Awla, fit-8 ta' Ottubru, 2026, fl-atti tar-Rikors Ġuramentat numru 827/2026MS fl-ismijiet: l-Avukat Dott. Edward Debono noe et vs Rose Marie Ellul Philips, ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni, a tenur tal-Artikolu 187 et sequitur tal-Kapitlu 12, biex isservi bħala notifika fil-konfront tal-intimati.

Permezz ta' rikors fl-ismijiet: l-Avukat Dott. Edward Debono (KI 592758M) noe et vs Rose Marie Ellul Philips (KI 0092377M), ippreżentat fil-Qorti Ċivili, Prim'Awla fit-18 ta' Awwissu, 2026, l-esponenti talbu lil din l-Onorabbli Qorti sabiex prevja kwalsijasi provvedimenti li jidrilha xierqa u opportuni:

1. Taqta' u tiddeċiedi din il-kawża bid-dispensa tas-smigħ għall-finijiet tal-Artikolu 167 sa 170 tal-Kapitlu 12 tal-Liġijiet ta' Malta;

2. Tordna lill-intimata Rose Marie Ellul Phillips (KI 0092377M) sabiex tiżgombra mill-fond ossija mezzanin 6, qabel bla numru, bl-isem London House fi triq ġdida bla isem li tiżbokka għal fuq St Margaret Street, Is-Siġġiewi, illum, Triq Pietru Mallia.

Bl-ispejjeż kontra l-intimata li hija minn issa inġunta għas-subizzjoni.

Ir-rikors Ġuramentat numru 827/2026MS fl-ismijiet imsemmija hawn fuq huwa differit għad-9 ta' Novembru, 2026, fid-9.30 a.m.

Notifika: Rose Marie Ellul Phillips, 6, London House, Triq Pietru Mallia, Is-Siġġiewi

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 23 ta'Ottubru, 2026

GABRIEL MANGION
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By means of a decree given by the Civil Court, First Hall, on the 8th October, 2026, in the records of the Sworn application number 827/2026MS in the names: Advocate Dr Edward Debono noe et vs Rose Marie Ellul Philips, the following publication was ordered, in terms of Article 187 et sequitur of Cap. 12, for the purpose of service of the respondents.

By means of an application in the names: Advocate Dr Edward Debono (ID 592758M) noe et vs Rose Marie Ellul Philips (ID 0092377M), filed in the Civil Court, First Hall on the 18th August, 2026, the applicants asked this Honourable Court so that saving any provisions it deems fit and opportune:

1. Decide this cause without proceeding to a hearing for the purposes of Article 167 to 170 of Cap. 12 of the Laws of Malta;

2. Order the respondent Rose Marie Ellul Phillips (ID 0092377M) to vacate the premises that is mezzanine 6, previously unnumbered, with the name London House in a new unnamed street which abuts onto St Margaret Street, Siġġiewi, today, Triq Pietru Mallia.

With costs against the respondent who is from now summoned so that a reference to her evidence be made.

The Sworn application number 827/2026MS in the names mentioned above is postponed for hearing to the 9th November, 2026, fid-9.30 a.m.

Notify: Rose Marie Ellul Phillips, 6, London House, Triq Pietru Mallia, Siġġiewi

Registry of the Superior Courts, today 23rd October, 2026

GABRIEL MANGION
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

2810

B'digriet mogħti mill-Qorti Ċivili, Prim'Awla, fil-15 ta' April, 2025, fl-atti tar-Rikors Ġuramentat numru

By means of a decree given by the Civil Court, First Hall, on the 15th April, 2025, in the records of Sworn application

352/2025FDP fl-ismijiet: Filippa D'Amato et vs Josephine Dimech et, ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni, a tenur tal-Artikolu 187 et sequitur tal-Kapitlu 12, biex isservi bħala notifika fil-konfront tal-intimata.

Permezz ta' rikors fl-ismijiet: Filippa D'Amato (KI 644656M) et vs Josephine Dimech (KI 379262M) u Pasqualino Chircop (352865M) kjamat in kawża b'digriet tal-15 ta' Lulju, 2026, ppreżentat fit-8 ta' April, 2025, ir-rikorrenti talbu bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti sabiex, prevja u mogħtija kull dikjarazzjoni u provvediment opportuni:

1. Tiddeċiedi l-kawża bid-dispensa tas-smigħ tal-provi ai termini tal-Artikoli 167-170 tal-Kap. 12;

2. Tiddeċiedi u tiddikjara li l-ammont ta' sebgħa u għoxrin elf, sitt mija tnejn u sebgħin ewro u tlieta u sittin ċenteżmu (€27,672.63) huwa dovut lir-rikorrenti mill-intimata;

3. Tikkundanna lill-intimata tħallas is-somma ta' sebgħa u għoxrin elf, sitt mija tnejn u sebgħin ewro u tlieta u sittin ċenteżmu (€27,672.63) lir-rikorrenti.

Bl-ispejjeż tal-preżenti kontra l-intimata, minn issa inġunta in subizzjoni u bl-imgħaxijiet fuq l-ammont oriġinali ta' tmint elef mija ħamsa u ħamsin ewro (€8,155) sad-data tal-pagament effettiv.

Ir-Rikors Ġuramentat numru 352/2025FDP fl-ismijiet imsemmija hawn fuq huwa differit għall-5 ta' Novembru, 2026, fid-9.30 a.m.

Notifika: Pasqualino Chircop, 164A, Flat 12, Triq it-Torri, Tas-Sliema

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 23 ta'Ottubru, 2026

GABRIEL MANGION
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

number 352/2025FDP in the names: Filippa D' Amato et vs Josephine Dimech et, the following publication was ordered, in terms of Article 187 et sequitur of Cap. 12, for the purpose of service of the respondent.

By means of an application in the names Filippa D' Amato (ID 644656M) et vs Josephine Dimech (ID 379262M) and Pasqualino Chircop (352865M) called into the suit by a decree of the 15th July, 2026, filed on the 8th April, 2025, the applicants respectfully asked this Honourable Court so that saving and given every opportune declaration and provision:

1. Decide the cause without proceeding to a hearing of the proof in terms of Articles 167-170 of Cap. 12;

2. Decide and declare that the amount of twenty seven thousand, six hundred and seventy two euro and sixty three cents (€27,672.63) is due to the applicant by the respondent;

3. Condemn the respondent to pay the sum of twenty seven thousand, six hundred and seventy two euro and sixty three cents (€27,672.63) to the applicant.

With costs of this present against the respondent, from now summoned so that a reference to her evidence be made and with interests on the original amount of eight thousand one hundred fifty five euro (€8,155) till the date of effective payment.

The Sworn application number 352/2025FDP in the names mentioned above is postponed to the 5th November 2026 fid-9.30a.m.

Notification: Pasqualino Chircop, 164A, Flat 12, Triq it-Torri, Tas-Sliema

Registry of the Superior Courts, today 23rd October, 2026

GABRIEL MANGION
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

2811

B'digriet mogħti mill-Qorti Ċivili, Prim'Awla (Sede Kostituzzjonali), fl-24 ta' Marzu, 2026, fl-atti tar-Rikors Ġuramentat numru 27/2026 FDP, fl-ismijiet: Francesco Vella vs l-Avukat tal-Istat et, ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni, a tenur tal-Artikolu 187 et sequitur tal-Kapitlu 12, biex isservi bħala notifika fil-konfront tal-intimat.

Permezz ta' rikors fl-ismijiet: Francesco Vella (KI 0256884M) vs l-Avukat tal-Istat u Joseph Debono (629952M) għal kull interess li jista' jkollu, ippreżentat fil-Qorti Ċivili,

By means of a decree given by the Civil Court, First Hall (Constitutional jurisdiction), on the 24th March, 2026, in the records of the Sworn application number 27/2026 FDP, in the names: Francesco Vella vs the State Advocate et, the following publication was ordered, in terms of Article 187 et sequitur of Cap. 12, for the purpose of service of the respondent.

By means of an application in the names: Francesco Vella (ID 0256884M) vs State Advocate and Joseph Debono (629952M) for any interest he may have, filed in the Civil

Prim'Awla (Sede Kostituzzjonali) fit-23 ta' Jannar, 2026, ir-rikorrenti talbu lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:

1. Tiddikjara u tiddeċiedi li l-fatti fuq esposti jikkostitwixxu ksur tad-drittijiet fundamentali tal-esponent u l-antenati tiegħu kif sanċiti fl-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea;

2. Tillikwida kumpens pekunarju u nonpekunarju għal tali vjolazzjoni;

3. Tikkundanna lill-intimat iħallas lill-esponent il-kumpens hekk likwidat fi żmien qasir u perentorju, bl-imgħax sal-pagament effettiv.

Bl-ispejjeż

Ir-Rikors Ġuramentat numru 27/2026 FDP fl-ismijiet imsemmija hawn fuq huwa diferit għall-5 ta' Novembru, 2026, fid-9.30 a.m.

Notifika: Joseph Debono, 31, 'St Joseph', Triq il-Mitjar, Ħal Luqa

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 23 ta' Ottubru, 2026

GABRIEL MANGION
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

Court, First Hall (Constitutional jurisdiction) on the 23rd January, 2026, the applicants asked this Honourable Court so that:

1. Declare and decide that the facts above exposed constitute a violation of the fundamental rights of the interpellant and his ancestors as sanctioned in the First Article of the First Protocol of the European Convention;

2. Liquidate pecuniary and non-pecuniary compensation for such violation;

3. Condemn the respondent to pay the applicant the compensation so liquidated within a short and peremptory period, with interest till the effective payment.

With costs

The Sworn application number 27/2026 FDP in the names mentioned above is postponed to the 5th November, 2026, fid-9.30 a.m.

Notification: Joseph Debono, 31, 'St Joseph', Triq il-Mitjar, Ħal Luqa

Registry of the Superior Courts, today 23rd October, 2026

GABRIEL MANGION
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

2812

B'digriet mogħti mill-Qorti Ċivili, Prim'Awla, fl-14 ta' Lulju, 2026, fl-atti tar-Rikors Ġuramentat numru 321/2026RM, fl-ismijiet: Philip Agius et vs Jonathan Agius, ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni, a tenur tal-Artikolu 187 et sequitur tal-Kapitlu 12, biex isservi bħala notifika fil-konfront tal-intimat.

Permezz ta' rikors fl-ismijiet: Philip Agius (KI 191582M) et vs Jonathan Agius (KI 124781M) ippreżentat fil-Qorti Ċivili, Prim'Awla, fit-30 ta' Marzu, 2026, ir-rikorrenti talbu lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:

1. Tiddikjara li l-wirt tal-mejjet Emanuel Agius li miet fil-25 ta' Frar, 2025, huwa regolat permezz ta' testment fl-atti tan-Nutar Dott. Matthew Agius tas-16 ta' Frar, 2025;

2. Tiddikjara illi l-konvenut qed jopponi u jfixkel it-twettiq tal-volonta testamentarja tad-decujus Emanuel Agius;

3. Tiddikjara li a bażi tat-Tnax-il Artikolu tat-testment tad-decujus, il-konvenut iddekada mill-benefiċċji kollha

By means of a decree given by the Civil Court, First Hall, on the 14th July, 2026, in the records of the Sworn application number 321/2026RM, in the names: Philip Agius et vs Jonathan Agius, the following publication was ordered, in terms of Article 187 et sequitur of Cap. 12, for the purpose of service of the respondent.

By means of an application in the names: Philip Agius (ID 191582M) et vs Jonathan Agius (ID124781M) filed in the Civil Court, First Hall, on the 30th March, 2026, the applicants asked this Honourable Court to:

1. Declare that the inheritance of the late Emanuel Agius who died on the 25th February, 2025, is regulated by a will in the records of Notary Dr Matthew Agius of the 16th February, 2025;

2. Declare that the defendant is opposing and obstructing the carrying out of the testamentary will of the deceased Emanuel Agius;

3. Declare that on the basis of the twelfth Article of the will of the deceased, the defendant forfeited all the benefits

lilu mħollija bl-istess testment u konsegwentement tilef il-kwalità ta' eredi u prelegatarju tad-decujus;

4. Alternattivament, kemm-il darba t-tielet talba ma tistax tintlaqa', tordna li kull dispożizzjoni tal-aħħar testment magħmul mit-testatur għandha effett u tagħti l-jedd tal-legatarji li jirċievu dak li hu mħolli lilhom;

5. Kemm-il darba tintlaqa' l-preċedenti raba' talba, tordna lill-konvenut sabiex entro terminu qasir u perentorju li jiġi minnha prefiss, jimitti fil-pussess lil:

i. Romina Agius fir-rigward tas-sehem tiegħu mill-garaxx bin-numru uffiċjali 17, Triq Mifsud Tomasi, Ħaż-Żebbuġ,

ii. Rosianne u Philip Agius fir-rigward tas-sehem tiegħu tal-garaxx bin-numru uffiċjali 52, Triq Ġanni Cilia, Ħaż-Żebbuġ,

iii. Rosianne Agius fir-rigward ta' kwalunkwe sehem tal-qbiela tal-għalqa 'Ta' Dwieli' (3,450m²)u l-għalqa 'Mal kantuniera' (650m²),

iv. Philip Agius fir-rigward ta' kwalunkwe sehem tal-qbiela tal-għalqa 'Tal-Ġiebja' (3,350m²) u l-għalqa 'Ta' Taħtha' (1,650m²),

v. Romina Agius fir-rigward ta' kwalunkwe sehem tal-qbiela tal-għalqa 'Ta' Fuq' (4,100m²);

6. Tiddikjara li skont dispożizzjoni fl-aħħar testament tad-decujus, il-vann tal-għamla Toyota bin-numru tar-reġistrazzjoni CBH052 ġie mħolli b'titlu ta' prelegat lir-rikorrenti Philip Agius;

7. Tordna lill-konvenut sabiex entro terminu qasir u perentorju li jiġi minnha ffissat jagħti l-kunsens tiegħu għat-trasferiment tal-vann tal-għamla Toyota bin-numru tar-reġistrazzjoni CBH052 li ġie mħolli b'titlu ta' prelegat lir-rikorrenti Philip Agius;

8. Tiddikjara li l-flejjes depożitati fil-banek kummerċjali għandhom jinqasmu f'ishma ugwali bejn il-werrieta kollha tad-decujus;

9. Tordna lill-konvenut sabiex entro terminu qasir u perentorju li jiġi minnha ffissat jagħti l-kunsens tiegħu għar-rilaxx tal-flejjes depożitati fil-banek kummerċjali f'isem it-testatur;

10. Tinnomina nutar pubbliku sabiex jippubblika l-att opportun ta' immissjoni fil-pussess u d-dokumenti l-oħra meħtieġa;

11. Tinnomina kuratur sabiex jirrappreżenta l-eventwali kontumaċi u tipprefiġi l-jum, ħin u lok għall-pubblikazzjoni

left to him by the same will and consequently lost the status of heir and prelegatee of the deceased;

4. Alternatively, unless the third demand can be upheld, order that any provision of the last will made by the testator has effect and entitle the legatees to receive what is left to them;

5. If the preceeding fourth demand is upheld, order the defendant so that within a short and peremptory period which comes from it prefixed, he immolates in his possession:

i. Romina Agius as regards his share of the garage with official number 17, Triq Mifsud Tomasi, Ħaż-Żebbuġ,

ii. Rosianne and Philip Agius as regards his share of the garage with official number 52, Triq Ġanni Cilia, Ħaż-Żebbuġ,

iii. Rosianne Agius in respect of any share of the lease of the field 'Ta' Dwieli' (3,450 m²) and the field 'Mal kantuniera' (650 m²),

iv. Philip Agius in respect of any share of the lease of the field 'Tal-Ġiebja' (3,350m²) and the field 'Ta' Taħtha' (1,650m²),

v. Romina Agius in respect of any share of the lease of the field 'Ta' Fuq' (4,100m²);

6. Declare that according to a disposition in the last will of the decujus, the van of the make Toyota with registration number CBH052 was left by title of prelegacy to the applicant Philip Agius;

7. Order the defendant so that within a short and peremptory period fixed by it he gives his consent for the transfer of the van of the make Toyota with registration number CBH052 which was left by title of prelegacy to the applicant Philip Agius;

8. Declare that monies deposited in commercial banks shall be divided into equal shares between all the deceased's heirs;

9. Order the defendant so that within a short and peremptory period fixed by it he consents to the release of monies deposited in commercial banks on behalf of the testator;

10. Nominate a notary public to publish the opportune act of immission in possession and other necessary documents;

11. Appoint a curator to represent the eventual defaulters and fix the day, time and place for the publication of the

tal-istess att u sabiex jiffirma kwalsijasi dokument ieħor li jkun meħtieġ sabiex jingħata effett għall-ordnijiet magħmula;

12. Tiddikjara li l-konvenut qiegħed jokkupa r-razzett bl-indirizz St Philip, Rural Room, Triq Wied il-Ħesri, Ħaż-Żebbuġ, u r-raba' ta' miegħu mingħajr titolu validu fil-liġi;

13. Tordna lill-konvenut sabiex jiżgombra mill-istess beni entro terminu qasir u perentorju li jiġi lilu ffissat waqt li jgħaddi ċ-ċwievet tal-istess lill-istanti.

Bl-ispejjeż, inkluż dawk tal-ittra uffiċjali 35/2026, kontra l-konvenut li minn issa huwa inġunt in subizzjoni.

Ir-Rikors Ġuramentat numru 321/2026RM fl-ismijiet imsemmija hawn fuq huwa differit għad-29 ta' Ottubru, 2026, fl-9.45 a.m.

Notifika: Jonathan Agius (KI124781M) 27, Grand View, Flat 3, Triq San Tumas, Ħal Luqa

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 23 ta' Ottubru, 2026

GABRIEL MANGION
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

same deed and to sign any other document that is necessary to give effect to the orders made;

12. Declare that the defendant is occupying the farmhouse with address St Philip, Rural Room, Triq Wied il-Ħesri, Ħaż-Żebbuġ, and the adjacent farmland without a valid title at law;

13. Order the defendant to vacate the same property within a short and peremptory period fixed to him whilst passing on the keys of the same to the applicants.

With costs, including those of the judicial letter 35/2026, against the defendant who is from now summoned so that a reference to his evidence be made.

The Sworn application number 321/2026RM in the names mentioned above is postponed to the 29th October, 2026, at 9.45 a.m.

Notification: Jonathan Agius (KI 124781M), 27, Grand view, Flat 3, Triq San Tumas, Ħal Luqa

Registry of the Superior Courts, today 23rd October, 2026

GABRIEL MANGION
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

2813

B'digriet mogħti mill-Qorti Ċivili, Prim'Awla, fl-24 ta' Ġunju, 2026, fl-atti tar-Rikors Ġuramentat 372/2025JPG, fl-ismijiet: Rita Sant et vs l-Avukat Dott. Luke Valletta noe, ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni, a tenur tal-Artikolu 495A et sequitur tal-Kapitlu 16, biex isservi bħala notifika fil-konfront tal-Avukat Dott. Luke Valletta noe.

Permezz ta' rikors fl-ismijiet: Rita Sant (0324275M), Maria Anna Mifsud sive Miriam (0266561M), Maria Carmela Stoner sive Mary (42244M) f'isimha proprju u f'isem Harlen Darrel Azzopardi (Social Insurance of Canada 494456015) u D'Arcy Paul Azzopardi (numru tal-karta uffiċjali tas-saħħa 1062621444LA), Antonia Micallef sive Nina (0117548M), Natalie Sammut (257380M), Joseph Azzopardi (132764M), Maria Antonia Azzopardi sive Mary (0896145M) u Emmanuel Azzopardi (1248162M) vs Dott. Luke Valletta u PL Louisa Tufigno b'digriet tal-14 ta' Mejju ġew maħtura bħala kuraturi deputati għall-assenti Travis John Azzopardi, ippreżentat fil-Qorti Ċivili, Prim'Awla, fl-14 ta' Apri,l 2025, permezz ta' rikors konġunt ai termini tal-Artikolu 495A tal-Kap. 16, ta' Rita Sant (0324275M), Maria Anna Mifsud sive Miriam (0266561M), Maria Carmela Stoner sive Mary (42244M), D'Arcy Paul Azzopardi (1062621444LA), Antonia Micallef sive Nina (0117548M), Natalie Sammut (257380M), Joseph Azzopardi (132764M), Maria Antonia

By means of a decree given by the Civil Court, First Hall, on the 24th June, 2026, in the records of the Sworn application 372/2025JPG, in the names: Rita Sant et vs Advocate Dr Luke Valletta noe, the following publication was ordered, in terms of Article 495A et sequitur of Cap. 16, for the purpose of service of Advocate Dr Luke Valletta noe.

By means of an application in the names: Rita Sant (0324275M), Maria Anna Mifsud sive Miriam (0266561M), Maria Carmela Stoner sive Mary (42244M) in her own name and on behalf of Harlen Darrel Azzopardi (Social Insurance of Canada 494456015) and D' Arcy Paul Azzopardi (official health card number 1062621444LA), Antonia Micallef sive Nina (0117548M), Natalie Sammut (257380M), Joseph Azzopardi (132764M), Maria Antonia Azzopardi sive Mary (0896145M) and Emmanuel Azzopardi (1248162M) vs Dr Luke Valletta and PL Louisa Tufigno were appointed deputy curators by decree of the 14th May for the absent Travis John Azzopardi, filed in the Civil Court, First Hall, on the 14th April, 2025, by means of a joint application in terms of Article 495A of Cap 16, of Rita Sant (0324275M), Maria Anna Mifsud sive Miriam (0266561M), Maria Carmela toner sive Mary (42244M), D' Arcy Paul Azzopardi (1062621444LA), Antonia Micallef sive Nina (0117548M), Natalie Sammut (257380M), Joseph Azzopardi (132764M),

Azzopardi sive Mary (0896145M) u Emmanuel Azzopardi (1248162M) bir-rispett jesponu:

Illi r-rikorrenti huma lkoll l-werrieta ta' Francis Azzopardi sive Ċikku li kien miet fit-tletin (30) ta' Diċembru tas-sena elfejn u sbatax (2017) fil-limiti tar-Rabat, Malta, kif jidher mill-Att tal-Mewt tiegħu hawn anness u mmarkat bħala Dok. 01, u ilhom min dakinhar f'kompropjetà bejniethom tal-propjetà immobbli u flus naxxenti mill-eredità tiegħu;

Illi l-imsemmi Francis Azzopardi sive Ċikku, kien pensjonant u ġuvni, bin il-mejtin Emanuel Azzopardi u Carmela sive Karmni Azzopardi née Grima, imwieled ir-Rabat, Malta, fl-14/5/1939 u kien residenti f'numru erbatax (14), Triq San Trofimu, Ir-Rabat, Malta, u kellu l-karta tal-identità bin-numru 0393339M;

Illi preċiżament nhar is-17 ta' Jannar tas-sena 1990, l-imsemmi Francis sive Ċikku Azzopardi kien xtara u akkwista n-nofs indiviż tal-flat mertu ta' din il-kawża u ċoè l-flat internament immarkat bin-numru tnejn (2) li jinsab fl-ewwel sular u li jifforma parti minn blokk ta' sitt flats, liema blokk huwa mingħajr numru uffiċjali però mmarkat bl-ittra 'C' u jġib l-isem ta' 'Saint Joseph', li qiegħed fi Triq l-Imħar, Il-Qawra, limiti ta' San Pawl il-Baħar, liema blokk imiss mill-punent mat-triq u mill-irjieħ oħra ma' ġid ta' John Vella, Nazzareno Zammit u Salvatore Borg jew aventi kawża tagħhom jew irjieħ verjuri, kopja ta' liema kuntratt tal-akkwist hija hawn annessa u mmarkata Dok. 02, fejn eventwalment l-imsemmi Francis sive Ċikku Azzopardi sar is-sid assolut tal-flat meta akkwista r-rimanenti nofs indiviż mill-eredità ta' oħtu x-xebba Giuseppa Azzopardi meta wiret is-sehem indiviż magħha, liema dokumentazzjoni se tiġi esibita waqt il-preżentazzjoni tal-kawża, waqt li l-garaxx li huwa ukoll mertu ta' din il-kawża, ġie akkwistat mill-imsemmi Francis sive Ċikku Azzopardi permezz ta' Att ta' xiri u bejgħ datat 3 ta' Frar tas-sena, 1988, in atti tan-Nutar Dott. Antoine Agius, li kopja tiegħu hija hawn annessa u markata Dok. 03;

Illi fir-rigward tad-dokumentazzjoni li turi li l-imsemmi Francis Azzopardi kien wiret lil oħtu Giuseppa Azzopardi, xebba li mietet nar il-11 ta' Jannar tas-sena, 2009, qiegħda tiġi hawn annessa u markata hekk: Dok. 04 – l-Att tal-Mewt tal-imsemmija Giuseppa, Dok. 05 – iċ-Ċertifikat għal Riċerki Testamentarji Pubbliċi , Dok. 06 – iċ-Ċertifikat għal Riċerki Testamentarji Sigrieti, Dok. 07 – Kopja tat-Testment tal-imsemmija Giuseppa Azzopardi; Dok. 08 – Kopja tad-Dikjarazzjoni Causa Mortis fuq l-assi tal-imsemmija Giuseppa;

Illi bħala l-werrieta tal-imsemmi Francis Azzopardi sive Ċikku, ir-rikorrenti resqu għal żewġ Atti ta' Dikjarazzjoni Causa Mortis fuq l-assi tal-imsemmi defunt, li t-tnejn saru nhar id-disgħa u għoxrin (29) ta' Ġunju tas-sena, 2018, in

Maria Antonia Azzopardi sive Mary (0896145M) and Emmanuel Azzopardi (1248162M) respectfully submit:

That the applicants are all the heirs of Francis Azzopardi sive Ċikku who died on the thirtieth (30) of December of the year two thousand and seventeen (2017) in the limits of Rabat, Malta, as shown in the Act of his death here attached and marked as Doc. 01, and since then in a property between them of the immovable property and money resulting from his inheritance;

That the said Francis Azzopardi sive Ċikku, was a pensioner and a bachelor, son of the late Emanuel Azzopardi and Carmela sive Karmni Azzopardi née Grima, born in Rabat, Malta, on the 14/5/1939 and resided at number fourteen (14), Triq San Trofimu, Rabat, Malta, and held identity card number 0393339M;

That precisely on the 17th January of the year 1990, the said Francis sive Ċikku Azzopardi had bought and acquired the undivided half of the flat merit of this cause and namely the flat internally marked with number two (2) which is situated on the first floor and which forms part of a block of six flats, which block is without official number but marked with the letter 'C' and bears the name 'Saint Joseph', which is situated in Triq l-Imħar, Qawra, limits of St Paul's Bay, which block is bounded on the west by the street and other boundaries by property of John Vella, Nazzareno Zammit and Salvatore Borg or their successors in title or more precise boundaries, a copy of which contract of acquisition is hereby attached and marked Doc. 02, whereby eventually the said Francis sive Ċikku Azzopardi became the absolute owner of the flat when he acquired the remaining half undivided share from the inheritance of his sister Giuseppa Azzopardi when he inherited the undivided share with her, which documentation will be exhibited during the presentation of the cause, whilst the garage which is also merit of this cause, was acquired by the said Francis sive Ċikku Azzopardi by means of a deed of purchase and sale dated 3rd February of the year, 1988, in the records of Notary Dr Antoine Agius, a copy of which is hereby attached and marked Doc. 03;

That as regards the documentation which shows that the said Francis Azzopardi inherited his sister Giuseppa Azzopardi, unmarried who died on the 11th January of the year, 2009, is here attached and marked as follows: Doc. 04 – Act of death of the said Giuseppa, Doc. 05 – Certificate for Public Testamentary searches, Doc. 06 – Certificate for secret Testamentary searches, Doc. 07 – copy of the said Giuseppa Azzopardi Testament; Doc. 08 – copy of the Declaration causa mortis on the assets of the said Giuseppa;

That as heirs of the said Francis Azzopardi sive Ċikku, the applicants came forward to two Acts of Declaration causa mortis on the assets of the said deceased, which were both made on the twenty ninth (29th) of June of the year, 2018,

atti tan-Nutar Margaret Heywood, li vera kopja tagħhom hija hawn annessa u markata Dok. 09 u Dok. 10, li kif jidher mir-riċerki testamentarji pubbliċi u sigrieti tiegħu, hawn annessi u mmarkati Dok. 11 u Dok. 12, jirriżulta li l-imsemmi Francis Azzopardi sive Ċikku miet b'testment fl-atti tan-Nutar Dott. Margaret Heywood, datat l-għaxra (10) ta' Settembru, tas-sena elfejn u tlieta (2003), li kopja tiegħu hija hawn annessa u markata Dok. 13;

Illi mill-istess testment viġenti, id-defunt inter alia ħalla l-użu u l-abitazzjoni tal-flat il-Qawra hawn taħt deskritt lil ħutu John u Annie Azzopardi u innomina u istitwixxa bħala eredi universali tiegħu lil oħtu Giuseppa Azzopardi u f'każ illi tkun mietet qablu ħatar minflokha lil ħutu John Azzopardi, Annie Azzopardi, Mary Stoner, Kristinu Azzopardi u Antonia sive Nina Micallef fi kwota ta' settima parti (1/7) indiviża kull wieħed u waħda minnhom, lit-tfal ta' oħtu l-mejta Pauline Bugeja jiġifieri lil Rita Sant u Natalie Bugeja fi kwota ta' settima parti (1/7) indiviża bejniethom u lit-tfal tal-mejjet ħuh Carmelo Azzopardi jiġifieri li Maryanne Mifsud, Emanuel sive Leli Azzopardi u Joseph Azzopardi fi kwota ta' settima parti (1/7) indiviża bejniethom, bis-sostituzzjoni vulgari a favur uliedhom, u in mankanza ta' wlied bid-dritt tal-akkrexximent ta' bejniethom; (Ins.14745/2003);

Illi Giuseppa Azzopardi mietet xebba u mingħajr tfal qabel l-imsemmi Francis Azzopardi fil-ħdax (11) ta' Jannar, tas-sena elfejn u disgħa (2009), waqt li John Azzopardi ukoll miet qabel l-imsemmi Francis Azzopardi fit-tnejn (2) ta' Ottubru, tas-sena elfejn u tlettax (2013) u għalhekk sehmu ntiret mit-tliet (3) uliedu Harlan Darrell Azzopardi, D'Arcy Paul Azzopardi u l-intimat assenti Travis John Azzopardi, ilkoll aħwa u wlied l-imsemmi John Azzopardi u Jean Ann Azzopardi née Stewart, it-tnejn defunti;

Illi jrid jingħad li għalkemm D'Arcy Paul Azzopardi ma kienx wieħed mill-bejjiegħa mniżżla fuq iż-żewġ konvenji annessi, imma huwa qiegħed jikkopera mal-istess atturi u għandu kull intenzjoni li jidher fuq iż-żewġ eventwali Atti ta' Bejgħ u Xiri permezz ta' prokura tiegħu li fiha nnomina lil Maria Carmela Stoner sive Mary, bħala l-prokuratriċi tiegħu, li kopja tal-imsemmija prokura hija hawn annessa u mmarkata Dok. 14, waqt li l-istess Maria Carmela Stoner sive Mary hija wkoll il-prokuratriċi tal-imsemmija Harlen Darrell Azzopardi, liema kopja tal-prokura tiegħu hija hawn annessa u markata Dok. 15;

Illi sar kull tentattiv minn uħud mir-rikorrenti sabiex jinstab wieħed mill-kompropjetarju u ċoè Travis John Azzopardi li safejn jafu r-rikorrenti kien jgħix il-Kanada, u kien għal din ir-raġuni li tali konvenji ġew estiżi kemm-il darba, u kien meta qatgħu qalbhom li jsibuh u jikkuntattjawh, jekk forsi għadu ħaj, li kienu kostretti jipproċedu b'dan ir-

in the records of Notary Margaret Heywood, a true copy of which is hereby attached and marked Doc. 09 and Doc. 10, that as appears from his public and secret testamentary searches, here attached and marked Doc. 11 and Doc. 12, it results that the said Francis Azzopardi sive Ċikku died by will in the records of Notary Dr Margaret Heywood, dated 10th September, of the year two thousand and three (2003), a copy of which is hereby attached and marked Doc. 13;

That from the same will in force, the deceased inter alia left the use and habitation of the flat Qawra hereunder described to his brothers John and Annie Azzopardi and nominated and instituted as his universal heir his sister Giuseppa Azzopardi and in case she died before he appointed instead his brothers John Azzopardi, Annie Azzopardi, Mary Stoner, Kristinu Azzopardi and Antonia sive Nina Micallef in a quota of one seventh (1/7) undivided share each one of them, the children of his late sister Pauline Bugeja that is Rita Sant and Natalie Bugeja in a quota of one seventh (1/7) undivided share between them and the children of his late brother Carmelo Azzopardi that is Maryanne Mifsud, Emanuel sive Leli Azzopardi and Joseph Azzopardi in a quota of one seventh (1/7) undivided share between them, with the vulgar substitution in favour of their children, and in default of the children with the right of accretion between them; (Ins.14745/2003);

That Giuseppa Azzopardi died unmarried and without children before the said Francis Azzopardi on the eleventh (11) of January, of the year two thousand and nine (2009), whilst John Azzopardi also died before the said Francis Azzopardi on the 2nd of October, of the year two thousand and thirteen (2013) and thus his share was inherited from his three (3) children Harlan Darrell Azzopardi, D'Arcy Paul Azzopardi and the absent respondent Travis John Azzopardi, all siblings and children of the said John Azzopardi and Jean Ann Azzopardi née Stewart, both deceased;

That it has to be stated that although D' Arcy Paul Azzopardi was not one of the sellers listed on the two promise of sale agreements annexed, but he is cooperating with the same plaintiffs and has every intention to appear on the two eventual Acts of sale and purchase by means of his power of attorney in which he nominated Maria Carmela Stoner sive Mary, as his mandatary, a copy of the said power of attorney is hereby attached and marked Doc. 14, whilst the same Maria Carmela Stoner sive Mary is also the procurator of the said Harlen Darrell Azzopardi, which copy of his power of attorney is hereby attached and marked Doc. 15;

That every attempt was made by some of the applicants to find one of the co-owners and namely Travis John Azzopardi who as far as the applicants know lived in Canada, and it was for this reason that such promises of sale were extended several times, and it was when they gave up finding him and contacting him, if he is perhaps still alive, that they were

rikors, fejn wara l-iffirmar tal-konvenji annessi, kien saru diversi tentattivi sabiex Travis John Azzopardi jiġi intraċċat u informat bis-sehem li huwa għandu u bil-potenzjal tal-bejgħ tal-assi tad-defunt ziju Francis Azzopardi sive Cikku, imma tali tentattivi rriżultaw fin-negattiv;

Illi sa fejn jafu bosta mir-rikorrenti, b'mod partikolari ż-żewġ rikorrenti Maria Carmela Stoner sive Mary u Rita Sant, l-assenti Travis John Azzopardi li jiġi ħu r-rikorrent Harlan Darrel Azzopardi u D'Arcy Paul Azzopardi, kien residenti Ontario, il-Kanada, kien miżżewweġ imma wara li ssepara, fejn kien anke għal xi żmien karċerat, kien mar joqgħod f'dar għalih u kien hemm fejn intilef il-kuntatt bejnu u ħutu Harlan u D'Arcy, tan li huwa sprovvisti wkoll min-numru tat-telefown ċellulari jew indirizz elettroniku (email address) tiegħu u l-anqas baqgħu jikkomunikaw miegħu darba f'sena, tant li llum ma jafux jekk ġiex defunt, jew jekk għadu ħaj, u jekk għadu ħaj, fejn qiegħed jabita;

Illi inpartikolari, irid jingħad li r-rikorrenta Maria Carmela Stoner kienet inkarigat lin-Nutar Margaret Heywood sabiex tintraċċa lill-assenti Travis John Azzopardi, waqt li Rita Sant kienet ukoll inkuntattjat l-Ambaxxata ta' Malta fil-Kanada, fejn talbuha li minħabba protezzjoni tal-informazzjoni, ikun professjonist bil-warrant li jikkuntattjahom, u kien għalhekk li reġgħu inkarigaw lin-Nutar Margaret Heywood li imma ma rnexxilhiex tintraċċa lil Travis John Azzopardi;

Illi wkoll, ir-rikorrenta Rita Sant kienet ikkuntattjat lil Fransina Borg li tgħix il-Kanada minħabba li din Fransina Borg kienet tgħix qrib id-dar fejn l-aħħar li kien jirrisjedi Travis John Azzopardi, imma għalkemm Fransina Borg marret personalment tħabbat il-bieb tar-residenza fi ġranet u ħinijiet differenti u anke ppruvat tikkuntattja lill-imsemmi Travis John Azzopardi permezz tat-telefown, tali tentattivi kienu mingħajr risposta;

Illi l-indirizz li kien jafu bih li kien joqgħod fih l-assenti Travis John Azzopardi huwa numru 45, Bexley, Toronto, ON M6N 2P6 u invista tat-tentattivi ta' wħud mir-rikorrenti, fosthom ta' Rita Sant, nhar it-12 ta' Settembru tas-sena 2024 l-istess Rita Sant kienet ħadet affidavit hawn anness u mmarkat bħala Dok. 16 u l-unika tfittxija fuq l-internet li rriżultat fuq l-imsemmi Travis John Azzopardi kien artikolu data 5 ta' Jannar tas-sena 2006 hawn anness u mmarkat Dok. 17;

Illi f'dak li jirrigwardja t-tkomplija tal-provenjenza tal-antekawża tal-atturi l-oħra, irid jingħad li Annie Azzopardi mietet xebba u mingħajr tfal fis-sitta u għoxrin (26) ta' Marzu, tas-sena elfejn u tmintax (2018) jiġifieri wara l-imsemmi Francis Azzopardi u għalhekk sehemha ntiret skont l-aħħar testament tagħha data l-għaxra (10) ta' Novembru, tas-sena elfejn u tmienja (2008) li sar il-Kanada fejn ħatret bħala

constrained to proceed with this application, where after the signing of the attached promise of sale agreements, various attempts were made so that Travis John Azzopardi be traced and informed of his share and the potential for the sale of the assets of the deceased uncle Francis Azzopardi sive Cikku, but such attempts resulted in the negative;

That as far as many of the applicants know, in particular the two applicants Maria Carmela toner sive Mary and Rita Sant, the absent Travis John Azzopardi who is the brother of the applicant Harlan Darrel Azzopardi and D'Arcy Paul Azzopardi, resided in Ontario, Canada, was married but after separating, where he was even for a certain time, he went to live in a house for himself and there was where his contact with his brothers Harlan and D'Arcy was lost, they are also supplied from his mobile phone number or email address (email address) and did not even communicate with him once a year, so much so that today they do not know whether he has been deceased, or whether he is still alive, and if he is alive, where he is living;

That in particular, it has to be stated that the applicant Maria Carmela Stoner had appointed Notary Margaret Heywood to trace the absent Travis John Azzopardi, whilst Rita Sant had also contacted the Embassy of Malta in Canada, requesting that due to information protection, he be a warranted professional to contact them, and it was for this reason that they re-appointed Notary Margaret Heywood who but failed to trace Travis John Azzopardi;

That also, the applicant Rita Sant had contacted Fransina Borg who lives in Canada because she lived near the house where Travis John Azzopardi last resided, but although Fransina Borg personally went to knock on the door of the residence on different days and times and even tried to contact the said Travis John Azzopardi by telephone, such attempts were without a reply;

That the address of which the absent Travis John Azzopardi was aware is number 45, Bexley, Toronto, ON M6N 2P6 and in view of the attempts of some of the applicants, amongst them of Rita Sant, on the 12th September of the year 2024 the same Rita Sant had taken an affidavit here attached and marked as Doc. 16 and the only search on the internet which resulted on the said Travis John Azzopardi was Article 5th January of year 2006 hereby attached and marked Doc. 17;

That as regards the continuation of the root of the preceeding cause of the other plaintiffs, it has to be stated that Annie Azzopardi died unmarried and without children on the twenty sixth (26) of March, of the year two thousand and eighteen (2018) that is after the said Francis Azzopardi and thus she was inherited according to her last will dated the tenth (10) of November, of the year two thousand and

eżekutur u trustee tagħha lin-neputi tagħha Harlan Darrell Azzopardi u ordnat li parti mill-ġid tagħha inkluż l-assi immobbli tagħha f'Malta jiġi maqsum bejn l-istess Harlan Darrell Azzopardi u Maria Carmela Stoner fi kwoti ugwali bejniethom;

Illi fost il-proprjetajiet immobbli formanti parti mill-eredità tal-imsemmi Francis sive Ċikku Azzopardi, hemm iż-żewġ proprjetajiet mertu ta' dan ir-rikors u ċoè:

a) Il-flat internament bin-numru tnejn (2) li jinsab fl-ewwel sular u li jifforma parti minn blokk ta' sitt flats, liema blokk huwa mingħajr numru uffiċjali però mmarkat bl-ittra 'C' u jġib l-isem ta' 'Saint Joseph', li qiegħed fi Triq l-Imħar, Il-Qawra, fil-limiti ta' San Pawl il-Baħar, liema blokk imiss mill-Punent mat-triq u mill-irjieħ oħra ma' ġid ta' John Vella, Nazzareno Zammit, u Salvatore Borg jew aventi kawża tagħhom jew irjieħ verjuri. Il-flat jinsab aċċessibbli minn ġo tromba tat-taraġ li qiegħda inkomun mal-blokk u li tibqa' tiela' għall-bejt fir-raba' sular, liema bejt jinsab inkomun mal-flats l-oħra, kif ukoll l-flat għandu l-komunjoni tal-bieb ta' barra, entratura, taraġ sa fuq il-bejt, l-użu tal-bejt, id-drains u d-drenaġġ, minn ħaġa oħra liberu u frank u bid-drittijiet u l-ġusitijiet tiegħu kollha,

b) Il-garaxx mingħajr l-arja tiegħu, u bin-numru uffiċjali numru 62, fi Triq Monsinjur Giuseppe Depiro ġja triq ġdida fi Triq Borage (Triq il-Burqaxx), Ir-Rabat, Malta, konfinanti mit-Tramuntana u min-Nofsinhar ma' beni ta' Carmelo Gatt u Vincenzo Micallef jew is-suċċessuri tagħhom fit-titolu u mill-Punent mat-triq, jew irjieħ verjuri, liberu u frank u bid-drittijiet u l-ġustijiet tiegħu kollha. L-imsemmi Francis Azzopardi kien xtara dan il-garaxx mill-poter ta' Carmelo Gatt u Vincenzo Micallef in forza ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Dott. Antoine Agius tat-tlieta (3) ta' Frar, tas-sena elf dia' mija tmienja u tmenin (1988);

Illi invista li aktar ma huwa qiegħed jgħaddi żmien aktar qegħdin jiġu defunti eredi tal-istess Francis Azzopardi sive Ċikku, invista li l-appartament tal-Qawra mhuwiex fi stat tajjeb u għandu bżonn spiża sabiex issirlu l-manutenzjoni u jiġi sabiħ u f'kundizzjoni tajba, invista li mhuwiex jintuża, qiegħed f'kompropjetà bejn ħafna kompropjetarji u qiegħed jiddeterjora u invista li r-rikorrenti sabu l-bejgħ tiegħu u tal-garaxx li ma hemmx skop li jibqgħu f'komunjoni tiegħu, għaldaqstant, ir-rikorrenti resqu għal konvenju ma' potenzjali xerrejja, sabiex ibigħu u jittrasferixxu bil-pussess battal, is-sehem sħiħ tal-istess żewġ propjetajiet immobbli imsemmija;

Illi vera kopja tal-konvenju datat 11 ta' Mejju tas-sena 2023 bejn ir-rikorrenti u l-potenzjal xerrej George Cumbo, għal bejgħ, xiri u trasferiment tal-appartament tal-Qawra kif

eight (2008) which was done in Canada where she appointed as her executor and trustee her nephew Harlan Darrell Azzopardi and ordered that part of her wealth including her immovable assets in Malta be divided between the same Harlan Darrell Azzopardi and Maria Carmela Stoner in equal shares between them;

That amongst the immovable properties forming part of the inheritance of the said Francis sive Ċikku Azzopardi, there are the two properties merit of this application and namely:

That for the carrying out of the said works it is in the first place necessary that the applicant company be given temporary possession of the said shop by the respondent Vella and also given by the same respondent Vella permission that the necessary works be carried out by the applicant company and in order to also be given access to the same shop the people of a profession and trade so engaged by her, access the shop and carry out all the necessary works.

Thus, the applicant company calls upon all the respondents and in particular the respondent Claire Vella to:

a) Without delay and certainly not after the 22nd September, 2026, and whilst the respondent Vella ensures that the said shop is emptied from all the objects which in the opinion of the same respondent Vella can be destroyed during the works, give free access of the premises 269, Triq San Pawl, Valletta to the applicant and its professionals as so engaged for the purpose of carrying out all the necessary works so that the roof of the said mentioned premises is repaired and put in a good state which can be used without further damage and/or danger and at the same time and by virtue of the present;

b) Is putting the same respondents on formal notice according to law; and

c) Iżżommhom responsabbli għad-danni kollha minnha sofferti u dawk li tista'ssofri fil-futur.

Bl-ispejjeż u b'riserva tad-drittijiet oħra spettanti.

Protestanti: St Angelo Mansions, Unit 8, Block 6, Ground Floor, Birgu Waterfront, Il-Birgu BRG 1738

Notifika: Kuraturi deputati

Int għaldaqstant ordnat li twaħħal kopja uffiċjali ta' dan il-bandu fid-daħla ta' din il-Qorti Superjuri u ssejjaħ b'dan lil kull min irid jidħol bħala kuratur biex jidher fi żmien sitt ijiem f'dan ir-Reġistru u jagħmel b'nota d-dikjarazzjoni illi huwa jidħol għal dan.

Int ordnat ukoll li tgħarraf lil kull wieħed illi jekk ma jagħmilx din id-dikjarazzjoni fiż-żmien fuq mogħti, din il-Qorti tgħaddi biex tagħżel kuraturi tal-uffiċċju.

U wara li tkun għamilt dan, jew jekk tiltaqa' ma' xi xkiel fl-esekuzzjoni ta' dan il-bandu, inti għandek tgħarraf minnufih lil din il-Qorti.

Mogħti mill-Qorti Superjuri hawn fuq imsemmija bix-xhieda tal-Onor. Imħallef Simone Grech, LLD, Duttur tal-Liġi.

Illum 15 ta' Settembru, 2026
Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 23 ta' Ottubru, 2026

ALEXANDRADEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

c) Holds them liable for all damages suffered by it and those which it may suffer in the future.

With costs and saving any other rights due.

Applicants: St Angelo Mansions, Unit 8, Block 6, Ground Floor, Birgu Waterfront, Vittoriosa BRG 1738

Notification: Deputy curators

You are therefore ordered to affix an official copy of these banns at the entrance of this Superior Court and to summon whosoever wishes to act as curator to appear before this registry within six days and by means of a minute to submit a declaration that he wishes so to act.

You are also ordered to inform each one that if he fails to make this declaration within the stipulated time, the Court will proceed to the selection of curators of office.

And after so acting, or if you should encounter any difficulty in the execution of these banns, you are to inform forthwith this Court.

Given by the Civil Court First Hall, above mentioned, with the witness of the Hon. Madam Justice Simone Grech, LLD, Doctor of Laws.

Today 15th September, 2026
Registry of the Superior Courts, today 23rd October, 2026

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

2819

Bandu għall-Kuraturi

Repubblika ta' Malta

Lill-Marixxall tal-Qrati

B'digriet mogħti minn din il-Qorti fit-22 ta' Diċembru, 2025, fuq talba ta' Paul u Inez konjuġi Mizzi ġie ordnat, sabiex jintgħażlu kuraturi deputati sabiex jirrappreżentaw l-interessi tas-sidien taċ-ċens mhux magħrufa fl-atti taċ-ċedola numru 2682/2025, fl-ismijiet Paul Mizzi et vs Kuraturi Deputati u fl-atti l-oħra relattivi u sussegwenti.

Banns for Curators

Republic of Malta

To the Marshall of the Courts

By means of a decree given by this Court on the 22nd December, 2025, following a request of Paul and Inez spouses Mizzi it was ordered, that deputy curators be chosen to represent the interests of the owners of the unknown groundrent,in the acts of the schedule of deposit number 2682/2025, in the names Paul Mizzi et vs Deputy Curators and in the other relative and subsequent acts.

Permezz taċ-Ċedola ta' Depożitu Fidi ta' Ċens u Subċens numru 2682/2025 fl-ismijiet Paul Mizzi (KI 848M) u Inez Mizzi (KI 142546M) vs il-Perit Paul Mercieca, in-Nutar Gerard Spiteri Maempel, Connie Spiteri Maempel, Johanna Spiteri Maempel u Nichola Spiteri Maempel u Kuraturi Deputati sabiex jirrappreżentaw lill-eredi tal-Baruni Gerome Depiro D'Amico Inguanez, Gio Pio de Piro Baruni ta' Budak u Baroncino Nicholas de Piro Inguanez, kif ukoll ta' Giorgio u Carmelo aħwa Aquilina li mhumiex magħrufa, ippreżentata fil-Prim'Awla tal-Qorti fil-15 ta' Diċembru, 2025, fejn Paul u Inez konjuġi Mizzi jesponu bir-rispett:

1. Illi r-rikorrenti huma l-proprjetarji tal-fond bl-indirizz 'Godwin' mingħajr numru uffiċjali iżda magħruf internament bin-numru tlieta (3), qabel mingħajr numru, f'bitħa interna aċċessibbli minn entratura bin-numru uffiċjali tmienja u sittin (68), qabel mingħajr numru uffiċjali, fi Triq Ganu, Birkirkara (hawn aktar 'il quddiem imsejjaħ 'il-fond');

2. Illi l-esponenti akkwistaw dan il-fond mingħand Anthony Grech in forza tal-kuntratt fl-atti tan-Nutar Dott. George Bonello Dupuis datat l-ewwel ta' Diċembru tas-sena elf disa' mija sebgħa u sebgħin (1/12/1977) kif suġġett għaċ-ċens u s-subċens annwu u perpetwu ta' sitt liri Maltin (Lm6) ekwivalenti għal tlettax-il ewro u tmienja u disgħin ċenteżmu (€13.98), altrimenti liberu u frank, bid-drittijiet, ġjustijiet u pertinenzi kollha tiegħu (kopja annessa u mmarkata bħala Dok. A);

3. Illi oriġinarjament il-Baruni Gerome Depiro D'Amico Inguanez, Gio Pio de Piro Baruni ta' Budak u Baroncino Nicholas de Piro Inguanez ittrasferixxa porzjon art b'titolu ta' enfitewsi lil Carmelo u Giorgio konjuġi Aquilina permezz ta' att, fl-atti tan-Nutar Carmelo Giuseppe Vella datat tnejn u għoxrin ta' April tas-sena elf disa' mija tlieta u ħamsin (22/4/1953) (kopja annessa u markata bħala Dok. B);

4. Illi konsegwentement, l-istess Giorgio u Carmelo aħwa Aquilina ttrasferixxew tliet porzjonijiet mill-fond hawn fuq imsemmi b'titolu ta' subenfitewsi lill-Perit Paul Mercieca u lin-Nutar John Spiteri Maempel permezz ta' att, fl-atti tan-Nutar Angelo Sammut datat sittax ta' Frar tas-sena elf disa' mija erbgħa u ħamsin (16/2/1954) (kopja annessa u markata bħala Dok. C);

5. Illi inoltre, il-Perit Paul Mercieca, in-Nutar Gerard Spiteri Maempel, Connie Spiteri Maempel, Johanna Spiteri Maempel u Nichola Spiteri Maempel (bħala l-eredi

By means of the Schedule of Deposit, Redemption of groundrent and sub-groundrent number 2682/2025 in the names of Paul Mizzi (ID 848M) and Inez Mizzi (ID 142546M) vs Architect Paul Mercieca, Notary Gerard Spiteri Maempel, Connie Spiteri Maempel, Johanna Spiteri Maempel and Nichola Spiteri Maempel and Deputy Curators to represent the heirs of Baruni Gerome Depiro D'Amico Inguanez, Gio Pio de Piro Baruni of Budak and Baroncino Nicholas de Piro Inguanez, as well as of Giorgio and Carmelo brothers Aquilina who are unknown, filed in the First Hall of the Civil Courts on the 15th December, 2025, whereby Paul and Inez spouses Mizzi respectfully submitted:

1. That the applicants are the owners of the premises with address 'Godwin' without official number but known internally with number three (3), previously without number, in an internal yard accessible from entrance with official number sixty-eight (68), previously without official number, in Triq Ganu, Birkirkara (hereinafter referred to as 'the premises');

2. That the applicants acquired this premises from Anthony Grech in virtue of a contract in the records of Notary Dr George Bonello Dupuis dated the first of December of the year one thousand nine hundred and seventy seven (1/12/1977) as subject to the annual and perpetual groundrent and subgroundrent of six Maltese lira (Lm6) equivalent to thirteen euro and ninety eight cents (€13.98), otherwise free and unencumbered, with all its rights and appurtenances (copy attached and marked as Doc. A);

3. That originally Baron Gerome Depiro D'Amico Inguanez, Gio Pio de Piro Baruni of Budak and Baroncino Nicholas de Piro Inguanez transferred a portion of land by title of emphyteusis to Carmelo and Giorgio spouses Aquilina by means of a deed, in the records of Notary Carmelo Giuseppe Vella dated twenty-second April of the year one thousand nine hundred and fifty-three (22/4/1953) (copy attached and marked as Doc. B);

4. That, consequently, the same Giorgio and Carmelo's brothers Aquilina transferred three portions of the premises above mentioned by title of sub-emphyteusis to Architect Paul Mercieca and Notary John Spiteri Maempel by means of a deed, in the records of Notary Angelo Sammut dated sixteenth February of the year one thousand nine hundred fifty-four (16/2/1954) (copy attached and marked as Doc. C);

5. That furthermore, Architect Paul Mercieca, Notary Gerard Spiteri Maempel, Connie Spiteri Maempel, Johanna Spiteri Maempel and Nichola Spiteri Maempel (as the heirs

tan-Nutar John Spiteri Maempel) ittrasferixxew erba' porzjonijiet tal-istess fond b'titolu ieħor ta' subenfitewsi lil Joseph u Carmelo Nicholas konjugi Borg permezz ta' att, fl-atti tan-Nutar Nicola Said datat dsatax ta' Settembru tas-sena elf disa' mija ħamsa u sebgħin (19/9/1975) (kopja annessa u mmarkata bħala Dok. D);

6. Illi ż-żewġ trasferimenti l-oħra, li saru fis-sebgħa u għoxrin ta' Novembru tas-sena elf disa' mija sitta u sebgħin (27/11/1976) u fl-ewwel ta' Diċembru tas-sena elf disa' mija sebgħa u sebgħin (1/12/1977), kienu sempliċiment b'titolu ta' bejgħ, u ma kien hemm l-ebda kostituzzjoni oħra ta' ċens jew subċens;

7. Illi pertinenti li jingħad illi ċedola ta' depożitu u fidi ta' ċens diġà ġiet sottomessa nhar it-tnejn (2) ta' April tas-sena elfejn u wieħed (2001) li ġġib in-numru ta' riferenza CE/279/2001, li madanakollu qed tiġi depożitata mill-ġdid għal darb'oħra għal kull bon fini u partikularment f'każ illi fadal xi sidien terzi illi għandhom xi pretensjoni fir-rigward taċ-ċens u kif ukoll tas-subċens stante illi fiċ-ċedola hawn fuq imsemmija ma kienx ġie msemmi li qiegħed jinfeda wkoll is-subċens (kopja annessa u mmarkata bħala Dok. E);

8. Illi l-esponenti jixtiequ jipprevalixxu ruħhom mill-fakultà mogħtija lilhom bl-artikolu elf ħames mija u wieħed (1501) tal-Kodiċi Ċivili ta' Malta, u jifdu iċ-ċens u s-subċens annwu u perpetwu ta' sitt liri Maltin (Lm6) ekwivalenti għal tlettax-il ewro u tmienja u disgħin ċenteżmu (€13.98) gravanti l-fond imsemmi hawn fuq;

9. Illi s-somma ta' tlettax-il ewro u tmienja u disgħin ċenteżmu (€13.98) kapitalizzata bir-rata ta' ħamsa fil-mija (5%), tammonta għas-somma ta' mitejn disgħa u sebgħin ewro u sittin ċenteżmu (€279.60).

10. Illi għal kull bon fini qegħdin jiġu wkoll depożitati s-sommom ta' tlettax-il ewro u tmienja u disgħin ċenteżmu (€13.98) bħala laudemium, kif ukoll is-somma addizzjonali ta' disgħa u sittin ewro u disgħin ċenteżmu (€69.90) bħala arretrati ta' ħames (5) snin;

11. Illi peress li s-sidien tal-imsemmi ċens ċoè l-eredi tal-Baruni Gerome Depiro D'Amico Inguanez, Gio Pio de Piro Baruni ta' Budak u Baroncino Nicholas de Piro Inguanez mhumiex magħrufa, li mhumiex magħrufa, u kif ukoll is-sidien tal-imsemmi subċens u ċoè l-eredi ta' Giorgio u Carmelo aħwa Aquilina li mhumiex magħrufa, qed jiġi

of Notary John Spiteri Maempel) transferred four portions of the same premises by another title of sub-emphyteusis to Joseph and Carmelo Nicholas spouses Borg by means of a deed, in the records of Notary Nicola Said dated nineteenth September of the year one thousand nine hundred and seventy five (19/9/1975) (copy attached and marked as Doc. D);

6. That the other two transfers, which were made on the twenty-seventh November of the year one thousand nine hundred and seventy-six (27/11/1976) and on the first December of the year one thousand nine hundred and seventy-seven (1/12/1977), were simply by title of sale, and there was no other constitution of groundrent or subgroundrent;

7. That it is pertinent to state that a schedule of deposit and redemption of groundrent has already been submitted on the 2nd April of the year two thousand and one (2001) bearing reference number CE/279/2001, which however is being deposited again for all intents and purposes and particularly in case there are still any third owners who have any claim as regards the groundrent as well as the subgroundrent since in the schedule above mentioned it is not mentioned that the subgroundrent (copy attached and marked as Doc. E) is also being redeemed;

8. That the applicants wish to avail themselves of the faculty given to them by Article one thousand five hundred and one (1501) of the Civil Code of Malta, and redeem the annual and perpetual groundrent and subgroundrent of six Maltese lira (Lm6) equivalent to thirteen euro and ninety-eight cents (€13.98) burdening the premises mentioned above;

9. That the sum of thirteen euro and ninety-eight cents (€13.98) capitalised at a rate of five per cent (5%), amounts to two hundred and seventy-nine euro and sixty cents (€279.60).

10. That for all intents and purposes the sums of thirteen euro and ninety-eight cents (€13.98) are being deposited as laudemium, as well as the additional sum of sixty-nine euro and ninety cents (€69.90) as arrears of five (5) years;

11. That since the owners of the said groundrent namely the heirs of Baron Gerome Depiro D'Amico Inguanez, Gio Pio de Piro Baruni of Budak and Baroncino Nicholas de Piro Inguanez are not known, which are not known, as well as the owners of the said subgroundrent and namely the heirs of Giorgio and Carmelo brothers Aquilina who are not known,

mressaq ukoll rikors kontestwalment għal ħatra ta' kuraturi sabiex jirrappreżentaw is-sidien mhux magħrufa.

Għaldaqstant, l-esponenti qegħdin umilment jadixxu lil din l-Onorabbli Qorti u taħt l-awtorità tagħha jgħaddu sabiex jiddepożitaw l-ammont komplessiv ta' tliet mija tlieta u sittin ewro u tmienja u erbgħin ċenteżmu (€363.48) u ċoè mitejn disgħa u sebgħin ewro u sittin ċenteżmu (€279.60) mis-somma tirrappreżenta l-fidi taċ-ċens u s-subċens annwu u perpetwu gravanti fuq il-proprjetà msemmija, tlettax-il ewro u tmienja u disgħin ċenteżmu (€13.98) mis-somma li tirrappreżenta l-laudemium fuq l-istess proprjetà u disgħa u sittin ewro u disgħin ċenteżmu (€69.90) mis-somma li tirrappreżenta arretrati tal-aħħar ħames snin ta' ċens, li jiggrava l-imsemmi fond u dan sabiex tiġi liberament mogħtija lil min għandu d-dritt għaliha skont il-liġi u dan wara li titħallas d-debita riċevuta.

Depożitanti: Madonna tal-Ħerba, Triq Dun Karm, Birkirkara

Notifiki: Kuraturi deputati, Qrati, Il-Belt Valletta

Direttur Reġistru Pubbliku, Triq il-Merkanti, Il-Belt Valletta.

Land Registry, Casa Bolino, 116, Triq il-Punent, Il-Belt Valletta

Il-Perit Paul Mercieca, 172, Rudolph Street, Il-Belt Valletta

In-Nutar Dott. Gerard Spiteri Maempel, 63, Triq il-Forn, Ħal Lija

Int għaldaqstant ordnat li twaħħal kopja uffiċjali ta' dan il-bandu fid-daħla ta' din il-Qorti Superjuri u ssejjaħ b'dan lil kull min irid jidħol bħala kuratur biex jidher fi żmien sitt ijiem f'dan ir-Reġistru u jagħmel b'nota d-dikjarazzjoni illi huwa jidħol għal dan.

Int ordnat ukoll li tgħarraf lil kull wieħed illi jekk ma jagħmilx din id-dikjarazzjoni fiz-żmien fuq mogħti, din il-Qorti tgħaddi biex tagħżel kuraturi tal-uffiċċju.

U wara li tkun għamilt dan, jew jekk tiltaqa' ma' xi xkiel fl-esekuzzjoni ta' dan il-bandu, inti għandek tgħarraf minnufih lil din il-Qorti.

Mogħti mill-Qorti Superjuri hawn fuq imsemmija bix-xhieda tal-Onor. Imħallef Mark Simiana, LLD, Duttur tal-Liġi.

an application is also being filed together for the appointment of curators to represent the unknown owners.

Therefore, the applicants are humbly calling upon this Honourable Court and under the its authority is to deposit the total amount of three hundred and sixty-three euro and forty-eight cents (€363.48) and namely two hundred and seventy-nine euro and sixty cents (€279.60) out of the sum representing the redemption of the annual and perpetual groundrent and sub-groundrent burdening the property mentioned thirteen euro and ninety-eight cents (€13.98) out of the sum representing the laudemium on the same property and nine and sixty euro and ninety cents (€69.90) from the sum representing arrears of the last five years of groundrent, which burdens the said premises and this in order to be freely given to whoever has the right to it according to law and this after the due receipt is paid.

Depositors: Madonna tal-Ħerba, Triq Dun Karm, Birkirkara

Notifications: Deputy curators, Courts of Justice, Valletta

Director Public Registry, Triq il-Merkanti, Valletta

Land Registry, Casa Bolino, 116, riq il-Punent, Valletta

Architect Paul Mercieca, 172, Rudolph Street, Valletta

Notary Dr Gerard Spiteri Maempel, 63, Triq il-Forn, Ħal Lija

You are therefore ordered to affix an official copy of these banns at the entrance of this Superior Court and to summon whosoever wishes to act as curator to appear before this Registry within six days and by means of a minute to submit a declaration that he wishes so to act.

You are also ordered to inform each one that if he fails to make this declaration within the stipulated time, this Court will proceed to the selection of curators of office.

And after so acting, or if you encounter any difficulty in the execution of these banns, you are to inform forthwith this Court.

Given by the above mentioned Superior Court with the witness of the Hon. Mr Justice Mark Simiana. LLD, Doctor of Laws.

Illum 22 ta' Diċembru, 2025

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 23 ta' Ottubru, 2026

ALEXANDRADEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

Today 22nd December, 2025

Registry of the Superior Courts, today 23rd October, 2026

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

2820

Bandu għall-Kuraturi

Repubblika ta' Malta

Lill-Marixxall tal-Qrati

Billi b'digriet mogħti minn din il-Qorti fid-9 ta' Jannar, 2026, fuq talba ta' Gary Camilleri ġie ordnat sabiex jinħatru kuraturi deputati sabiex jirrappreżentaw il-padruni diretti fl-atti taċ-ċedola numru 39/2026 fl-ismijiet Gary Camilleri vs Kuraturi Deputati u fl-atti l-oħra relattivi u sussegwenti.

Permezz ta' Ċedola ta' Depożitu u kontestwali fidi ta' ċens u subċens numru 39/2026 tal-imsemmi Gary Camilleri, iben Edmond Camilleri u Mary Camilleri née Tabone, imwieled Tal-Pietà u residenti Santa Venera, detentur tal-karta tal-identità bin-numru 135774M vs Kuraturi Deputati sabiex jirrappreżentaw l-eredi mhux magħrufa ta' Paolo sive Paul Brimmer inkwantu għal 11/12 dirett dominju u 1/12 subdirett dominju, l-eredi mhux magħrufa ta' Alice Mercieca née Frendo inkwantu 1/12 dirett dominju, l-eredi mhux magħrufa ta' Joseph Scicluna Calleja inkwantu għas-subdirett dominju, ippreżentata fil-Prim'Awla tal-Qorti fis-7 ta' Jannar, 2026, fejn Gary Camilleri espona bir-rispett:

1. Illi l-esponenti huwa s-sid tal-proprjetà ossija l-flat bin-numru tnejn (2), fit-tieni sular tal-blokka ta' appartamenti bin-numru uffiċjali dsatax (19), fi Triq il-Brunzar, Santa Venera, kif aħjar deskritt fil-kuntratt ta' akkwist datat is-16 ta' Ottubru, 2001, in atti tan-Nutar Dott. Vanessa Pool, kif suġġett għaċ-ċens annwu u perpetwu ta' ħames liri Maltin u għaxar ċenteżmi (Lm5.10) li huwa ekwivalenti għal ħdax-il ewro u tmienja u tmenin ċenteżmu (€11.88);

2. Din il-proprjetà inxtrat mill-esponenti permezz tal-kuntratt fuq imsemmi mingħand Edmond Camilleri, detentur tal-karta tal-identità 408082M, inkwantu għal nofs indiviż (1/2) f'ismu proprju, u f'isem missieru Joseph Camilleri, illum, mejjet, inkwantu għan-nofs indiviż l-ieħor (1/2),

Banns for Curators

Republic of Malta

To the Marshall of the Courts

By means of a decree given by this Court on the 9th January, 2026, following a request of Gary Camilleri it was ordered that deputy curators be appointed to represent the direct owners in the acts of the schedule of deposit number 39/2026 in the names Gary Camilleri vs Deputy Curators and in the other relative and subsequent acts.

By means of a Schedule of Deposit and redemption of groundrent and sub-groundrent number 39/2026 in the names of Gary Camilleri, son of Edmond Camilleri and Mary Camilleri née Tabone, born in Tal-Pietà and residing in Santa Venera, holder of identity card bearing number 135774M vs Deputy Curators to represent the unknown heirs of Paolo sive Paul Brimmer as regards the 11/12 of the direct dominium and 1/12 of the sub-direct dominium, the unknown heirs of Alice Mercieca née Frendo as for 1/12 of the direct dominium, the unknown heirs of Joseph Scicluna Calleja as regards the sub-direct dominium, filed in the First Hall of the Civil Courts on the 7th January, 2026, whereby Gary Camilleri respectfully submitted:

1. That the applicant is the owner of the property or rather flat numbered two (2), on the second floor of the block of apartments numbered nineteen (19), in Triq il-Brunzar, Santa Venera, as better described in the contract of acquisition dated 16th October, 2001, in the records of Notary Dr Vanessa Pool, as subject to the annual and perpetual ground rent of five Maltese lira and ten cents (Lm5.10) which is equivalent to eleven euro and eighty eight cents (€11.88);

2. This property was acquired by the applicant by means of the contract above mentioned from Edmond Camilleri, holder of identity card of 408082M, as for one half undivided (1/2) in his own name, and in the name of his father Joseph Camilleri, today, deceased, as for the other half undivided

liema kuntratt in atti tan-Nutar Dott. Vanessa Pool qiegħed jiġi hawn anness u mmarkat bħala 'Dok. A';

3. Dan iċ-ċens annwu u perpetwu ta' ħames liri Maltin u għaxar ċenteżmi (Lm 5.10), ekwivalenti għal ħdax-il ewro u tmienja u tmenin ċenteżmu (€11.88), huwa dovut u pagabbli lill-intimati msemmija;

4. Din il-proprjetà tal-esponenti deskritta hawn fuq tinstab murija fuq il-Land Registry Site Plan hawn annessa u mmarkata bħala 'Dok. B';

5. Oriġinarjament, is-sit li fuqu tinstab mibnija l-proprjetà imsemmija kienet ġiet konċessa b'titolu ta' enfitewsi perpetwa mill-poter ta' Dott. Enrico Frendo, Maria Frendo, Teresina Callejja Schembri née Frendo, Beatrice Trefess née Frendo, P.L. Edoardo Frendo, Paolo Frendo u Dott. Agostino Gauci Maistre bħala Prokuratur ta' Alice Mercieca née Frendo, lil Paolo sive Paul Brimmer, permezz ta' kuntratt ta' konċessjoni enfitewtika ppubblikat fl-atti tan-Nutar Dott. Emmanuele Agius datat is-16 ta' Marzu, 1937, kopja ta' liema kuntratt tinsab hawn annessa u mmarkata bħala 'Dok. C';

6. Permezz ta' kuntratt ippubblikat fl-atti tan-Nutar Dott. Joseph Cachia datat it-2 ta' Lulju, 1962, iċ-ċens oriġinali tas-sit inkwistjoni ġie mifdi minn Paolo sive Paul Brimmer inkwantu għal ħdax il-dodiċeżimu (11/12) indiviż, kopja ta' liema kuntratt tinsab hawn annessa u mmarkata bħala 'Dok. D'. Il-porzjon rimanenti ta' wieħed minn tnax (1/12) tad-dirett dominju baqa' jappartjeni lil Alice Mercieca née Frendo;

7. Sussegwentement, permezz ta' kuntratt ippubblikat fl-atti tan-Nutar Dott. John Tabone Adami datat l-10 ta' April, 1963, Paolo sive Paul Brimmer ikkonċeda s-sit inkwistjoni lil Francis Mifsud taħt titolu ta' enfitewsi, inkwantu għal ħdax il-dodiċeżimu (11/12) indiviż u taħt titolu ta' subenfitewsi inkwantu għal wieħed minn tnax (1/12), kif jirriżulta mill-imsemmi kuntratt hawn anness u mmarkat bħala 'Dok. E';

8. Paul Brimmer u Francis Mifsud, in forza ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Dott. Anthony Gatt datat il-15 ta' Diċembru, 1964, ikkonċedew l-istess sit lil Joseph Scicluna Callejja taħt titolu ta' subenfitewsi, kopja ta' liema kuntratt tinsab hawn annessa u mmarkata bħala 'Dok. F';

9. Permezz ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Dott. George Cassar datat il-31 ta' Marzu, 1978, Joseph Scicluna Calleja biegħ is-subutile dominju perpetwu tal-flat bin-numru tnejn (2), fit-tieni sular tal-blokka ta' appartamenti bin-numru

(1/2), which contract in the records of Notary Dr Vanessa pool is here attached and marked as 'Doc. A';

3. This annual and perpetual groundrent of five Maltese lira and ten cents (Lm 5.10), equivalent to eleven euro and eighty eight cents (€11.88), is due and payable to the respondents mentioned;

4. This property of the applicant described above is shown on the Land Registry Site Plan here attached and marked as 'Doc. B';

5. Originally, the site on which the said property is built was granted by title of perpetual emphyteusis by the power of Dr Enrico Frendo, Maria Frendo, Teresina Callejja Schembri née Frendo, Beatrice Trefess née Frendo, P.L. Edoardo Frendo, Paolo Frendo and Dr Agostino Gauci Maistre as Procurator of Alice Mercieca née Frendo, to Paolo sive Paul Brimmer, by means of a contract of emphyteutical concession published in the records of Notary Dr Emmanuele Agius dated 16th March, 1937, a copy of which contract is hereby attached and marked as 'Doc. C';

6. By means of a contract published in the records of Notary Dr Joseph Cachia dated 2nd July, 1962, the original groundrent of the site in question was redeemed by Paolo sive Paul Brimmer as for eleven (11/12) undivided doctrine, a copy of which contract is hereby attached and marked as 'Doc. D'. The remaining portion of one twelfth (1/12) of the direct dominium belongs to Alice Mercieca née Frendo;

7. Subsequently, by means of a contract published in the records of Notary Doctor John Tabone Adami dated 10th April, 1963, Paolo sive Paul Brimmer granted the site in question to Francis Mifsud under title of emphyteusis, as for eleven (11/12) undivided doctrine and under title of sub emphyteusis as for one twelfth (1/12), as results from the said contract hereby attached and marked as 'Doc. E';

8. Paul Brimmer and Francis Mifsud, in virtue of a contract in the records of Notary Dr Anthony Gatt dated 15th December, 1964, granted the same site to Joseph Scicluna Callejja under the title of subemphyteusis, a copy of which contract is hereby attached and marked as 'Doc. F';

9. By means of a contract in the records of Notary Dr George Cassar dated 31st March, 1978, Joseph Scicluna Calleja sold the perpetual subutile dominium of the flat with number two (2), on the second floor of the block of

uffiċjali dsatax (19), fi Triq il-Brunzar, Santa Venera, lil Joseph Camilleri. Kopja tal-imsemmi kuntratt tinsab hawn annessa u mmarkata bħala 'Dok. Ġ',

10. Kontestwalment ma' din iċ-ċedola, l-esponenti qiegħed jintavola rikors b'talba għall-ħatra ta' kuraturi deputati sabiex jidhru flok l-eredi mhux magħrufa tal-persuni sopra ndikati. L-aħħar ċens dovut tħallas fl-4 ta' Frar, 2016, fis-somma ta' sebgħa u erbgħin ewro u tnejn u ħamsin ċenteżmu (€47.52) għall-perjodu mill-10 ta' April, 2015, sad-9 ta' April, 2017, kopja ta' liema rċevuta tinsab hawn annessa u mmarkata bħala 'Dok. H';

11. L-esponenti illum jixtieq jipprevalixxi ruħu mill-fakultà mogħtija lilu ai termini tal-Artikolu 1501 tal-Kodiċi Ċivili (Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta) u jifdi l-imsemmi ċens u subċens annwu u perpetwu gravanti l-proprjetà tal-esponenti kif deskritta 'l fuq, ta' ħames liri Maltin u għaxar ċenteżmi (Lm 5.10) li huma ekwivalenti għal ħdax-il ewro u tmienja u tmenin ċenteżmu (€11.88);

12. Is-somma ta' ħdax-il ewro u tmienja u tmenin ċenteżmu (€11.88) kapitalizzati bir-rata ta' tlieta punt ħamsa fil-mija (3.5%), skont il-kuntratt fl-atti tan-Nutar Dott. John Tabone Adami tal-10 ta' April, 1963, tammonta għal tliet mija u disgħa u tletin ewro u tlieta u ħamsin ċenteżmu (€339.53);

13. Inoltre, permezz tal-preżenti ċedola ta' depożitu, l-esponenti qiegħed jiddepożita wkoll a favur l-intimati, is-somma ta' ħdax-il ewro u tmienja u tmenin ċenteżmu (€11.88) inkwantu ħlas ta' laudemium, kif ukoll is-somma ta' disgħa u ħamsin ewro u erbgħin ċenteżmu (€59.40) rappreżentanti l-ħlas tal-aħħar ħames (5) snin arretrati tal-imsemmi ċens u subċens.

Għaldaqstant, l-esponent qiegħed umilment jadixxi lil dina l-Onorabbli Qorti u taħt l-awtorità tagħha jgħaddi sabiex jiddepożita a favur l-intimati s-somma globali ta' erba' mija u għaxar ewro u wieħed u tmenin ċenteżmu (€410.81), liema somma għandha tiġi żbankata minn min għandu interess għaliha, mal-povra tat-titolu tagħhom lir-Reġistratur tal-Qorti, u wara li dawn iħallu d-debita riċevuta skont il-liġi.

B'hekk spiċċat l-obbligazzjoni għall-ħlas taċ-ċens u subċens hawn fuq imsemmija.

Notifika: Direttur tar-Reġistru Pubbliku, Onda Building, Triq Aldo Moro, Il-Marsa

Kuraturi Deputati, il-Qorti, Il-Belt Valletta

apartments with official number nineteen (19), in Triq il-Brunzar, Santa Venera, to Joseph Camilleri. A copy of the said contract is hereby attached and marked as 'Doc. G',

10. Together with this schedule of deposit, the applicant is filing an application with a request for the appointment of deputy curators to appear instead of the unknown heirs of the above mentioned persons. The last groundrent due was paid on the 4th February, 2016, in the sum of forty seven euro and fifty two cents (€47.52) for the period from the 10th April, 2015, till the 9th April, 2017, a copy of which receipt is hereby attached and marked as 'Doc. H';

11. The applicant wishes to avail himself of the option given to him in terms of Article 1501 of the Civil Code (Cap. 16 of the Laws of Malta) and redeem the said annual and perpetual groundrent and sub-groundrent regarding the property of the applicant as described above, of five Maltese lira and ten cents (Lm 5.10) which are equivalent to eleven euro and eighty eight cents (€11.88);

12. The sum of eleven euro and eighty eight cents (€11.88) capitalised at the rate of three point five percent (3.5%), according to the contract in the records of Notary doctor John Tabone Adami of the 10th April, 1963, amounts to three hundred and thirty nine euro and fifty three cents (€339.53);

13. Furthermore, by means of the present schedule of deposit, the applicant is also depositing in favour of the respondents, the sum of eleven euro and eighty eight cents (€11.88) as payment of laudemium, as well as the sum of fifty nine euro and forty cents (€59.40) representing the payment of the last five (5) years arrears of the said groundrent and sub-groundrent.

Therefore, the applicant is humbly calling upon this Honourable Court and under its authority is depositing in favour of the respondents the global sum of four hundred and ten euro and eighty one cents (€410.81), which sum is to be withdrawn by whoever has an interest in it, on the pound of their title to the Registrar of Courts, and after leaving the due receipt according to law.

Therefore the obligation for the payment of the groundrent and sub-groundrent above mentioned ended.

Notification: Director Public Registry, Onda Building, Triq Aldo Moro, Marsa

Deputy Curators, Law Courts, Valletta

Int għaldaqstant ordnat li twaħħal kopja uffiċjali ta' dan il-bandu fid-daħla ta' din il-Qorti Superjuri u ssejjaħ b'dan lil kull min irid jidħol bħala kuratur biex jidher fi żmien sitt ijiem f'dan ir-Reġistru u jagħmel b'nota d-dikjarazzjoni illi huwa jidħol għal dan.

Int ordnat ukoll li tgħarraf lil kull wieħed illi jekk ma jagħmilx din id-dikjarazzjoni fiż-żmien fuq mogħti, din il-Qorti tgħaddi biex tagħżel kuraturi tal-uffiċċju.

U wara li tkun għamilt dan, jew jekk tiltaqa' ma' xi xkiel fl-esekuzzjoni ta' dan il-bandu, inti għandek tgħarraf minnufih lil din il-Qorti.

Mogħti mill-Qorti Superjuri hawn fuq imsemmija bix-xhieda tal-Onor. Imħallef Francesco Depasquale, LLD, Duttur tal-Liġi.

Illum 9 ta' Jannar, 2026

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 23 ta' Ottubru, 2026

ALEXANDRADEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

You are therefore ordered to affix an official copy of these banns at the entrance of this Superior Court and to summon whosoever wishes to act as curator to appear before this registry within six days and by means of a minute to submit a declaration that he wishes so to act.

You are also ordered to inform each one that if he fails to make this declaration within the stipulated time, the Court will proceed to the selection of curators of office.

And after so acting, or if you should encounter any difficulty in the execution of these banns, you are to inform forthwith this Court.

Given by the Civil Court First Hall, above mentioned, with the witness of the Hon. Mr Justice Francesco Depasquale, LLD , Doctor of Laws.

Today 9th January, 2026

Registry of the Superior Courts, today 23rd October, 2026

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

2821

Bandu għall-Kuraturi

Repubblika ta' Malta

Lill-Marixxall tal-Qrati

B'digriet mogħti minn din il-Qorti fil-23 ta' Lulju 2025 fuq talba ta' Joseph Abela ġie ordnat sabiex tappunta kuraturi deputati sabiex jirrappreżentaw dawk sidien mhux magħrufa fl-atti taċ-ċedola numru: 1512/2025, fl-ismijiet Joseph Abela vs Kuraturi Deputati u fl-atti l-oħra relattivi u sussegwenti.

Permezz ta' ċedola ta' depożitu u kontestwali fidi ta' ċens numru 1512/2025 ta' Joseph Abela (0239081M), ġuvni, impjegat, iben Saviour Abela u Mary Abela née Farrugia, imwieled Tal-Pietà u residenti l-Iklin vs Kuraturi Deputati, ippreżentata fil-Prim'Awla tal-Qorti fit-22 ta' Lulju, 2025, fejn Joseph Abela espona bir-rispett:

Illi l-esponent Joseph Abela rċieva din il-proprjetà b'titolu ta' donazzjoni mingħand il-ġenituri tiegħu Saviour

Banns for Curators

Republic of Malta

To the Marshall of the Courts

By means of a decree given by this Court on the 23rd July 2025 following a request of Joseph Abela it was ordered that deputy curators be nominated to represent those unknown owners in the acts of the schedule of deposit number: 1512/2025, in the names Joseph Abela vs Deputy Curators and in the other relative and subsequent acts.

By means of a schedule of deposit and redemption of groundrent number 1512/2025 filed in the First Hall of the Civil Courts on the 22nd July, 2025, in the names Joseph Abela (0239081M), unmarried, employee, son of Saviour Abela and Mary Abela née Farrugia, born in Tal-Pietà and residing in Iklin vs Deputy Curators, whereby Joseph Abela respectfully submitted:

That the applicant Joseph Abela received this property by title of donation from his parents Saviour Abela and Mary

Abela u Mary Abela, ossija l-garaxx, bin-numru uffiċjali tlettax (13), li jismu 'John Garage' li jinsab fi Triq Bwieraq, Birkirkara, hekk kif suġġett għaċ-ċens annwu u perpetwu ta' sitt liri Maltin ekwivalenti għal tlettax-il ewro u tmienja u disgħin ċenteżmu (€13.98) u dan hekk kif jirriżulta mill-att ta' donazzjoni datat id-19 ta' Frar tas-sena, 2025, li jinsab fl-atti tan-Nutar Dott. Dorian Sciberras (dokument hawn anness u mmarkat Dok. JA1);

Illi l-konjuġi Abela kienu akkwistaw l-istess mingħand Marie Louise Farrugia magħrufa bħala Louise Farrugia permezz ta' kuntratt ta' akkwist datata il-21 ta' Mejju tas-sena 2008 li jinsab fl-atti tan-Nutar Dott. Tonio Spiteri (dokument hawn anness u mmarkat Dok. JA2);

Illi s-sidien direttarji ta' dan iċ-ċens mhumiex magħrufa;

Illi għalhekk l-esponent jixtieq jipprevalixxi ruħu mill-fakultà illi jagħtuh l-Artikoli 1501 u 1173 tal-Kodiċi Ċivili, u jifdi dan iċ-ċens annwu u perpetwu komplessiv ta' sitt liri Maltin (LM6) ekwivalenti għal tlettax-il ewro u tmienja u disgħin ċenteżmu (€13.98) illi kkapitalizzat bir-rata ta' ħamsa fil-mija (5%) jammonta għas-somma ta' mitejn u disgħa u sebgħin ewro u sittin ċenteżmu (€279.60);

Illi qiegħed ukoll jiddepożita s-somma ta' disgħa u sittin ewro u disgħin ċenteżmu (€69.90) rappreżentanti ħames snin arretrati ta' dan iċ-ċens;

Għaldaqstant, l-esponent qiegħed umilment jadixxi lil din l-Onorabbli Qorti u taħt l-awtorità tagħha, jgħaddi sabiex jiddepożita s-somma komplessiva ta' tliet mija u disgħa u erbgħin ewro u ħamsin ċenteżmu (€349.50) prezz tal-fidi ta' dan iċ-ċens annwu u perpetwu gravanti fuq il-fond u garaxx de quo, liema somma għandha tiġi liberament żbankata mill-intimati illi jirriżulta illi għandhom dritt għaliha skont il-liġi, wara li tiġi rilaxxata d-debita riċevuta skont il-Liġi.

Depożitant: Joseph Abela,11, Mireille Court, Fl. 2, Triq May Butcher, L-Iklin

Notifika: Direttur tar-Reġistru Pubbliku, Il-Belt Valletta

Kuraturi deputati

Int għaldaqstant ordnat li twaħħal kopja uffiċjali ta' dan il-bandu fid-daħla ta' din il-Qorti Superjuri u ssejjaħ b'dan lil kull min irid jidħol bħala kuratur biex jidher fi żmien sitt ijiem f'dan ir-Reġistru u jagħmel b'nota d-dikjarazzjoni illi huwa jidħol għal dan.

Abela, that is the garage, with official number thirteen (13), named 'John Garage' which is situated in Triq Bwieraq, Birkirkara, as subject to the annual and perpetual groundrent of six Maltese lira equivalent to thirteen euro and ninety eight cents (€13.98) and this as results from the deed of donation dated 19th February of the year, 2025, in the records of Notary Dr Dorian Sciberras (document attached and marked Doc. JA1);

That the spouses Abela had acquired the same from Marie Louise Farrugia known as Louise Farrugia by means of a contract of acquisition dated 21st May of the year 2008 which is in the records of Notary Doctor Tonio Spiteri (document attached and marked Doc. JA2);

That the direct owners of this groundrent are not known;

That thus the applicant wishes to avail himself of the faculty given to him by Articles 1501 and 1173 of the Civil Code, and redeem this annual and perpetual groundrent of six Maltese lira (Lm6) equivalent to thirteen euro and ninety eight cents (€13.98) which capitalised at the rate of five per cent (5%) amounts to the sum of two hundred and seventy nine euro and sixty cents (€279.60);

That he is also depositing the sum of sixty nine euro and ninety cents (€69.90) representing five years arrears of this groundrent;

Therefore, the applicant is humbly calling upon this Honourable Court and under its authority, proceeds to deposit the global sum of three hundred and forty nine Euro and fifty cents (€349.50) price of redemption of this annual and perpetual groundrent burdening the premises and garage de quo, which sum is to be freely withdrawn by the respondents who results to have a right to it according to law, after the release of the due receipt according to Law.

Depositor: Joseph Abela, 11, Mireille Court, Fl. 2, Triq May Butcher, Iklin

Notification: Director Public Registry, Valletta

Deputy curators

You are therefore ordered to affix an official copy of these banns at the entrance of this Superior Court and to summon whosoever wishes to act as curator to appear before this Registry within six days and by means of a minute to submit a declaration that he wishes so to act.

Int ordnat ukoll li tgħarraf lil kull wieħed illi jekk ma jagħmilx din id-dikjarazzjoni fiz-żmien fuq mogħti, din il-Qorti tgħaddi biex tagħżel kuraturi tal-uffiċċju.

U wara li tkun għamilt dan, jew jekk tiltaqa' ma' xi xkiel fl-esekuzzjoni ta' dan il-bandu, inti għandek tgħarraf minnufih lil din il-Qorti.

Mogħti mill-Qorti Superjuri hawn fuq imsemmija bix-xhieda tal-Onor. Imħallef Lawrence Mintoff, LLD, Duttur tal-Liġi.

Illum 23 ta' Lulju, 2025

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 23 ta' Ottubru, 2026

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

You are also ordered to inform each one that if he fails to make this declaration within the stipulated time, this Court will proceed to the selection of curators of office.

And after so acting, or if you encounter any difficulty in the execution of these banns, you are to inform forthwith this Court.

Given by the above mentioned Superior Court with the witness of the Hon. Mr Justice Lawrence Mintoff, LLD, Doctor of Laws.

Today 23rd July, 2025

Registry of the Superior Courts, today 23rd October, 2026

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

2822

B'digriet mogħti mill-Qorti Ċivili, Prim'Awla, fil-ġurnata tal-4 ta' Awwissu, 2026, fuq rikors ta' 35˚14˚ Capital SCC plc (C105417) li taġixxi għan-nom ta' Cell Couros ġie ffissat il-jum tat-Tlieta, 26 ta' Jannar, 2027, fil-ħdax u nofs ta' filgħodu (11.30 a.m.) għall-bejgħ bl-irkant, li għandu jsir f'Kamra Numru 78, Biswit l-Arkivju, Livell -1, Qrati tal-Ġustizzja, Triq ir-Repubblika, Il-Belt Valletta, tal-fond hawn taħt deskritt:

Id-dar, bl-arja libera tagħha, immarkata bin-numru mija u tmienja (108) qabel mitejn (200), fi Triq l-Imsida, Birkirkara, libera u franka, ħielsa minn kull ċens, piż, servitù u ħielsa minn kull dritt kemm reali kif ukoll personali favur terzi, bid-drittijiet u l-pertinenzi kollha tagħha inkluż il-bir, kif deskritta aħjar fl-atti tan-Nutar Elisa Falzon datat il-11 ta' Diċembru, 2003, u stmata li tiswa erba' mija u għoxrin elf ewro (€420,000)

L-imsemmi fond huwa proprjetà ta' Attard Bajada David Charles (KI 324000L) u Lapira Alexia (KI 515780M)

N.B. L-imsemmi fond jinbiegħ bħalma ġie deskritt fl-atti tas-subbasta 36/2026.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum il-Ġimgħa, 23 ta' Ottubru, 2026

GAETANA AQUILINA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By decree given by the Civil Court, First Hall, on the 4th August, 2026, on the application of 35˚14˚ Capital SCC plc (C105417) acting on behalf of Cell Couros, Tuesday, 26th January, 2027, at half past eleven in the morning (11.30 a.m.), has been fixed for the sale by auction, to be held in Room Number 78, Nearby the Courts Archives, Level -1, Courts of Justice, Triq ir-Repubblika, Valletta, of the following property:

The house, with its airspace, marked number one hundred and eight (108) previously two hundred (200), in Triq l-Imsida, Birkirkara, free and unencumbered, free from any ground rents, burdens, servitudes and from any rights both real as well as personal in favor of third parties, with all its rights and appurtenances, including a well, as described in the acts of Notary Elisa Falzon dated the 11th December, 2003 and is valued at four hundred and twenty thousand euro (€420,000)

The said tenement is the property of Attard Bajada David Charles (ID 324000L) and Lapira Alexia (ID 515780M)

N.B. The said tenement will be sold as described in the acts of judicial sales number 36/2026.

Registry of the Superior Courts, this Friday, 23rd October, 2026

GAETANA AQUILINA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

Ippubblikat mid-Dipartiment tal-Informazzjoni (doi.gov.mt) — Valletta — *Published by the Department of Information (doi.gov.mt) — Valletta*
Mitbugħ fl-Istamperija tal-Gvern fuq karta FSC® — *Printed at the Government Printing Press on FSC® certified paper*

FSC
www.fsc.org
MIX
Paper | Supporting responsible forestry
FSC® C140603